**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 7 ta' Lulju, 2016**

Numru 8

**Rikors Guramentat Nru. 517/2015**

**Projekte Global Limited**
**vs**
**Il-Kunsill Malti ghall-Isport**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-28 ta' Mejju 2015 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta Projekte Global Limited (C39978) hija socjeta li inter alia trendi varji servizzi, inkluz dik ta' kiri ta' swimming pools u dana in linja mal-memorandum & articles tal-istess kumpanija;

2. Illi wara sejha pubblika mill-intimati (sejha numru KMS/TEN/007/2013), giet accetta l-proposta tas-socjeta attrici, fejn tal-ewwel dahal f'akkordju ma' tal-ahhar biex jigu provduti kiri ta' portable above ground swimming pool u kiri ta' pool iehor;

3. Illi in linja ma' dak maqbul u rikjest, is-socjeta attrici wettqet is-servizzi mifthema, senjatament billi issuplixxit dak mitlub u rikjest, kif ukoll rendiet is-servizzi ancillari u relatati;

4. Illi sussegwentement, l-intimat kellu jhallas lis-socjeta attrici l-konsiderazzjoni miftehma, senjatament is-somma ta' sbatax-il elf, tmien mija u erba' ewro (€17,804), rapprezentanti bilanc dovut ghal kiri ta' zewg pixxini u s-servizzi rezi
(kopja tal-invoices pendenti qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "KMS1");

5. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, inkluz permezz ta' ittra ufficjali, liema ittra ufficjali giet debitament notifikata, l-intimat baqa' inadempjenti u sal-lum l-ammont sopracitat ghadu mhux imhallas
(kopja tal-ittra ufficjali qed tigi annessa u mmarkata bhala "KMS2");

6. Illi b'hekk l-intimat huwa debitur fil-konfront tal-esponenti fl-ammont fuq msemmi;

7. Illi dana kollu wassal lis-socjeta attrici sabiex tintavola l-proceduri odjerni, u dana sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha, u filwaqt li tithallas ghas-servizzi rezi;

Ghaldaqstant, is-socjeta Projekte Global Limited umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsijasi ordni, provvediment u dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, jogghobha:

i. Tiddikjara li l-Kunsill Malti ghall-Isport naqas milli jonera l-obbligi minnu assunti fil-konfront tas-socjeta Projekte Global Limited, billi inter alia naqas li jhallas in parte u/jew in toto ghas-servizzi rezi u/jew ghall-kiri;

ii. Tiddikjara li l-Kunsill Malti ghall-isport huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta' sbatax-il elf, tmien mija u erbgha ewro (€17,804) u/jew f'somma ohra li tigl hekk stabilita u ddikjarata, rapprezentanti bilanc dovut mill-Kunsill Malti ghall-isport lis-societe' attrici, u dana flimkien mal-bilanc ta' mghax dovut u relattiv fuq is-somma hekk dovuta u dikjarata;

iii. Tikkundanna lill-Kunsill Malti ghall-Isport sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sbatax-il elf, tmien mija u erba’ ewro (€17,804), u/jew f'somma ohra li giet hekk stabilita u ddikjarata, flimkien mal-imghax, rapprezentanti bilanc dovut mill-Kunsill Malti ghall-Isport lis-socjeta attrici, hekk precedentement dikjarata;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, u bl-imghaxijiet kummercjali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta illi r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-entita konvenuta li tghid hekk:

Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet -

1. Li filwaqt li hemm qbil li s-sejha ghall-offerti li kien hareg il-Kunsill esponenti fl-4 ta' Gunju 2013 bir-riferenza KMS/TEN/007/2013 ghal "The Leasing of a Portable Above Ground Swimming Pool, Pool Water Heating System and Pool Cover" kienet intrebhet mill-kumpannija rikorrenti, ma hemmx qbil fuq l-ammont reklamat bhala dovut.

2. Li fir-rigward tal-provizjoni ta' portable above ground swimming pool, ghal liema r-rikorrenti baghtet il-fattura bir-riferenza PR13/006 lill-Kunsill esponent, ezebita bhala Dok. KMS1 mar-rikors guramentat, il-Kunsill esponent jeccepixxi li l-ammont reklamat mhux kollu dovut, stante li l-above ground swimming pool mertu tas-sejha fuq imsemmija ma giex ipprovdut mill-kumpannija rikorrenti fit-terminu stipulat fil-klawsola 1.3 tas-sejha suriferita, izda tnax (12)-il jum wara u dak li kien dovut illum thallas.

3. Li l-amrnont reklamat kellu jiehu in konsiderazzjoni l-fatt id-danni pre-likwidati a tenur tal-klawsola numru 1.3 tkompli tipprovdi li "In the event of delay in the delivery

and installation of the equipment, the supplier shall pay to the KMS a penalty of two hundred euro (€200.00) per day for such default, which fine will be deducted from the total amount due for the equipment." Dan ifisser li ghat-tnax (12)-il jum matul liema l-kumpannija rikorrenti ma pprovdietx l-above ground swimming pool kif mitlub fis-sejha fuq imsemmija, l-ammont ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400.00) ghandu jigi dedott awtomatikament mill-ammont dovut lir-rikorrenti. In vista tal-premess, l-ammont ta' tnax-il elf, seba' mija u erba' ewro (€12,704.00) kien rikonoxxut bhala dovut mill-Kunsill esponent u fil-fatt gie mhallas.

4. Illi fir-rigward tal-fattura bir-riferenza PR13/018 mibghuta mir-rikorrenti lill-Kunsill esponent "for 10 days lease of pool," kif ukoll "for assembly and unassembly," ezebita bhala Dok. KMS2 mar-rikors guramentat, il-Kunsill esponent jikkontesta l-allegazzjoni li l-ammont fiha reklamat fl-ammont ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700.00) huwa dovut, u dan stante li dan il-pool gie moghti mir-rikorrenti b'rizultat tal-ksur tal-obbligi kuntrattwali minnu stess, biss minhabba d-daqs zghir tieghu ta' names metri b'erba' metri (5m x 4m), minflok dak mitlub ta' tnejn u ghoxrin metru b'disa' metri (22m x 9m), ma setax jintuza.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Jirrizulta illi l-Kunsill Malti ghall-Isport hareg tender ghall-istallazzjoni u kiri ta' swimming pool fil-pixxina nazzjonali liema tender ghalaq fis-17 ta' Gunju 2013. Dan it-tender intrebah mis-socjeta attrici. Jirrizulta mix-xiehda tas-CEO ta' dak iz-zmien Colin Calleja illi kien hemm xi dewmien biex gie finalizzat it-tender u fil-fatt il-procedura ta' aggudikazzjoni damet xi ftit u s-socjeta attrici giet infurmata b'ittra tat-2 ta' Lulju 2013 li kienet rebhet it-tender (ara fol. 20 tal-process). L-istagun tas-sajf ghat-tfal fil-pixxina nazzjonali kellu jiftah fil-15 ta' Lulju 2013. Il-kuntratt kien jistipula infatti illi l-iswimming pool kellha tigi istallata sal-15 ta' Lulju 2013 u skond klawsola 1.3 tal-ftehim l-iswimming pool kellu jkun istallat sal 15 ta' Lulju 2013 u giet imposta penali ta' €200 kuljum ghal kull gurnata ta' dewmien (ara klawsola 1.3 tat-tender fol. 18 tal-process). Il-valur tat-tender li rebhet is-socjeta attrici kien ta' €15,104 inkluz il-VAT.

Jirrizulta illi s-socjeta attrici accettat l-aggudikazzjoni favoriha pero nfurmat bil-fomm lil Kunsill illi ma setghetx tistalla s-swimming pool sad-data msemmija fil-kuntratt peress illi l-aggudikazzjoni saret vicin wisq tad-data ta' istallazzjoni u l-importazzjoni tal-pool kien jirikjedi ftit aktar zmien. Hu pacifiku bejn il-partijiet illi sakemm giet istallata l-iswimming pool, is-socjeta attrici waslet f'arrangament mal-Kunsill li kienet ser tistalla swimming pool zghira bex il-Kunsill seta' jiftah il-pixxina ghall-iskop li ried. Ma ssemma ebda diskors dwar dewmien u penali.

Skond Jesmond Mizzi, direttur tas-socjeta attrici l-iswimming pool giet istallata tmint ijiem wara li suppost kellha tigi istallata pero sadattant giet istallata l-iswimming pool iz-zghira li damet tintuza mill-Kunsill Malti ghall-Isport ghal xi zmien anki wara li giet istallata dik kbira skond it-tender.

Il-kontestazzjoni li nsorgiet hi s-segwenti. Is-socjeta attrici talbet il-hlas ghall-kirja ta' swimming pool skond il-ftehim u hlas ghal kirja tas-swimming pool iz-zghir ghal perjodu li dam jintuza. Il-Kunsill Malti ghal-Isport invece talab il-hlas tal-penali skond il-ftehim ghal perjodu sakemm giet istallata s-swimming pool il-kbira li skond l-istess Kunsill giet istallata tnax-il jum wara li kellha tigi istallata.

Fil-mori tal-kawza l-Kunsill hallas l-ammonti mitluba kemm ghal dak li jirrigwarda s-swimming pool il-kbir u anki z-zghir pero naqqas mis-somma l-ammont ta' €2,400 penali allegatament dovuti mis-socjeta attrici bhala hlas tal-penali.

Il-punt ta' dritt li johrog minn din il-vertenza jista' jigi kristallizzat minn zewg sentenzi wahda tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Vanguard Billiard Tables Limited vs Zurrieq Football Club** deciza fit-22 ta' Gunju 2005 li tghid hekk:

> Premess is-suespost, jibda biex jigi osservat illi, kif deciz, guridikament "la clausola penale nel nostro diritto positivo, che ha seguito la ragione datone dal Codice Napoleone all' articolo 1229 e dal Codice Civile Italiano negli articoli 1209 e 1212 è una convenzione accessoria che serve di mezzo per rafforzare la obbligazione principale e rappresenta la valutazione convenzionale dei Danni sofferti dal creditore per l' inadempimento o per la mora.
>
> Essa quindi riveste il triplice carattere di obbligazione accessoria, di mezzo coercitivo e di indennizzazione convenzionale" - "Goffredo Chretien nomine

> et -vs- John Ciancio", Appell Kummercjali, 13 ta' April 1921 (Kollez. Vol. XXIV P I p1110);
>
> Kif ulterjorment spjegat, "il-klawsola penali f'kuntratt hija klawsola li biha wiehed mill-kontraenti sabiex jassikura l-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni minnu assunta jobbliga ruhu ghal xi haga ghall-kaz li hu ma jezegwix l-obbligazzjoni li jkun assuma" (Kollez. Vol. XLI P II p1108; "Direttur tal-Kummerc -vs- Marie Louise Gatt", Appell, 5 ta' Ottubru 1998);
>
> Minn dan jitnissel ghalhekk illi min jobbliga ruhu taht penali li josserva l-obbligazzjoni minnu assunta hu obbligat ihallas dik il-penali jekk hu ma jipprovax illi kien hemm xi raguni li tezentah minn dik il-penali (Kollez. Vol. XLIII P I p 259);

Fis-sentenza **Mary Rose Falzon Sant Manduca vs Mario Grima** deciza mill-Prim Awla fit-8 ta' Marzu 2005 intqal hekk:

> Illi l-ligi trid li l-kreditur ta' obbligazzjoni jaghzel bejn li jitlob it-twettiq tal-obbligazzjoni jew il-hlas tal-penali (art. 1120(2) tal-Kap. 16), sakemm il-penali ma gietx miftehma ghad-dewmien biss, f'liema kaz it-talba tat-tnejn hija possibbli (art. 1120(3) tal-Kap. 16);
>
> Illi l-ligi taghti s-setgha lill-Qorti li tnaqqas jew itaffi l-penali f'zewg kazijiet biss: jigifieri, (a) meta d-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun accetta espressament il-bicca li giet esegwita; jew (b) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u dik il-parti mill-esekuzzjoni tkun, fic-cirkostanzi, bic-car swiet lill-kreditur (art. 1122(1) tal-Kap. 16). Izda f'dan l-ahhar kaz, il-penali tkun dovuta jekk tkun giet miftehma ghad-dewmien fit-twettiq tal-obbligazzjoni;
>
> Illi l-applikazzjoni rigida ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistghu jinstiltu minnha fil-prattika, gejja mir-rispett li jrid jinghata lill-principju li ftehim validu bejn il-partijiet ghandu s-sahha ta' ligi bejniethom (art 992(1) tal-Kap. 16), u l-ebda qorti m'ghandha tindahal fi ftehim bhal dan jekk ma jkunx milqut b'xi difett li ggibu ma jiswiex. Madankollu, llum il-gurnata huwa accettat li l-applikazzjoni tar-regola mahsuba fl-artikolu 1122 tal-Kodici Civili trid titfisser ukoll fid-dawl ta' principju iehor ewlieni tad-dritt, jigifieri dak li jrid li l-kuntratti jigu esegwiti b'bona fidi u jobbligaw, mhux biss ghal dak li jinghad fihom, imma wkoll ghall-konsegwenzi li ggib maghhom l-obbligazzjoni, skond l-ghamla taghha, b'ekwita', bl-uzu jew bil-ligi (art. 993 tal-Kap. 16). Dan ifisser li b'applikazzjoni tal-massima in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit, huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jigu "ridimensjonati" jekk jirrizulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaccettabbli "skond in-normi stability tas-socjeta' u l-logika guridika" (App Civ 15/12/2004 fil-kawza fl-ismijiet Michael Pace vs Richard Micallef pro et noe);

Applikati dawn il-principji ghal fatti, din il-Qorti tqis illi l-Kunsill Malti ghall-Isport accetta li kellu jhallas kemm ghal dak miftiehem dwar is-swimming pool il-kbira u kemm dak mitlub ghal kirja tas-swimming pool iz-zghira.

Hi l-fehma tal-Qorti illi x-xiehda ta' Colin Calleja turi illi l-Kunsill kien konseapevoli li t-terminu impost fil-ftehim ghall-istallazzjoni tal-iswimming pool il-kbir kien ftit qasir u ghalhekk accettat li biex tinstab soluzzjoni temporanja kellu jigi istallat swimming pool zghir li hallset ghalih. Madankollu l-Qorti tqis illi pattijiet kummercjali ghandhom jigi segwiti skond kif miftiehem u meta giet accettata t-tender is-socjeta attrici kienet konsapevoli illi kellha tlettax-il jum biex tistalla l-iswimming pool u dehrilha li mhix ser thahhaq tistalla s-swimming pool sad-data pattwita. Mill-banda l-ohra jidher illi l-Kunsill Malti ghall-Isport gie infurmat mill-ewwel bil-problema u accetta rimedju provvizorju ghall-esekuzzjoni kompleta tal-ftehim pero minghajr qatt ma rrinunzja espressament ghal dak pattwit.

Il-Qorti tqis illi l-ligi fl-artikolu 1122(1) taghti l-fakolta lil Qorti li ttaffi l-effetti ta' penali meta d-debitur jkun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni u din serviet lil kreditur u accettaha anki ghal perjodu temporanju. Dan jidher li hu ezattament il-fattispecie ta' dan il-kaz fejn ghandu jkun hemm ottemperament ghar-rigidita tar-regola tal-ligi dwar penali dovuti semplicement ghad-dewmien biss.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni serja dwar iz-zmien li damet ma giet istallata l-iswimming pool il-kbira cioe tmint ijiem wara li kellha tigi istallata biex tintuza ghall-iskop li riedha l-Kunsill Malti ghall-Isport. Ghalkemm il-Kunsill jghid illi s-socjeta attrici damet tnax-il jum oltre l-perjodu stabbilit biex giet istallata l-pool, ma gabet ebda prova konvincenti dwar dan. Madankollu l-Qorti tqis illi b'kollox is-socjeta attrici damet wiehed u ghoxrin jum mill-konferma tar-rebh tat-tender biex istallat il-pool. Il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi l-perjodu ta' dewmien ghandu jigi mnaqqas bin-nofs u s-socjeta attrici tirrifondi mis-somma gia percepita s-somma ta' €800 cioe erbat ijiem dewmien moltiplikat b'€200 penali ghal kull gurnata ta' dewmien.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-Kunsill Malti ghall-Isport li mill-ammont dovut lis-socjeta attrici

ghandu jitnaqqas penali pero dawn qed jigu likwidati fis-somma ta' €800 u tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet; u konsegwentement qed tilqa' t-talbiet attrici fis-sens li hu dovut lilha s-somma ta' €17,804 skond il-kuntratt tat-tender mirbuh u l-istallazzjoni ta' pool provvizorju li minnu jrid jitnaqqas €800 penali li jibqa' bilanc ta' €17,004 u billi fil-mori tal-kawza il-Kunsill Malti ghall-Isport hallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €15,404, allura hi dovuta mill-Kunsill Malti ghall-Isport is-somma bilancjali ta' €1,600.

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal wiehed minn hamsa mis-socjeta attrici u erbgha minn hamsa mill-Kunsill Malti ghall-Isport, bl-imghax dovut fuq il-bilanc li ghad jrid jithallas mid-data tal-prezentata tal-kawza.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur